# It-Tagħlim tal-Malti Mitkellem

Studju dwar aspetti pedagoġici u lingwistiċi

## Il-ħtieġa ta' programm ta' azzjoni

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 1999) jirrikkonoxxi mill-ġdid l-importanza tal-kompetenza komunikattiva, kif tidher fil-lista ta' l-Għanijiet Ġenerali li jissemmew f'dan id-dokument. Fost affarijiet oħra, il-Kurrikulu jispeċifika dawk il-ħiliet meħtieġa li jridu jiġu żviluppati:

> [L-istudenti] jkunu kapaċi jesprimu messaġġ b'mod effettiv, ċar u li jinftiehem; ikunu jafu jitħaddtu, jiktbu, u jużaw forom oħra ta' espressjoni; jifhmu kemm dak li jaqraw u jisimgħu kif ukoll forom oħra ta' espressjoni; ikunu jafu jikkomunikaw b'mod effettiv f'sitwazzjonijiet soċjali differenti skond iċ-ċirkonstanzi; ikunu jafu jesperimentaw bl-aspetti kreattivi, letterarji u artistiċi (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 1999: 67).

Biex jintlaħqu dawn l-aspirazzjonijiet tal-Kurrikulu jeħtieġ li, bħala għalliema, ikollna viżjoni ċara tal-kwalità ta' tagħlim li hemm bżonn nipprovdu fl-iskejjel.

Minħabba li għal snin sħaħ it-tagħlim tal-lingwa kien jenfasizza l-aktar il-ħiliet tal-kitba, l-attivitajiet tat-taħdit fil-klassi qajla kienu jingħataw importanza. L-abbiltajiet komunikattivi tat-taħdit bdew jingħataw prominenza f'dawn l-aħħar erbgħin sena, sewwa sew f'nofs is-snin sittin, l-aktar fl-Ingilterra. Maż-żmien bdiet tikber iżjed il-ħtieġa li nrawmu lill-istudenti f'din il-kompetenza tal-lingwa. ħafna mill-istudju li sar fl-Ingilterra (Barnes u Todd, 1977; Edwards u Furlong, 1978; Edwards u Mercer, 1987) wera biċ-ċar kemm l-istudenti kellhom nuqqas ta' ħila fil-mod kif jitħaddtu u jikkomunikaw bl-ilsien nattiv tagħhom. Għalhekk, bosta riċerkaturi bdew jesperimentaw b'metodi ġodda ta' tagħlim li jaspiraw għal riżultati aktar mixtieqa.

Fil-kuntest lokali, min-naħa l-oħra, tinħass il-ħtieġa li niżviluppaw programm ta' azzjoni (action research) għat-tagħlim u l-assessjar tat-taħdit, kif jisħaq il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (p. 86). Dan il-programm għandu jgħin biex jinkiseb għarfien usa' tal-kwalità ta' tagħlim li qed nipprovdu fl-iskejjel. It-tagħlim u l-assessjar tal-Malti mitkellem għandu jiddependi fuq l-abbiltà ta' l-għalliema li jifhmu qabel xejn, l-effetti tal-metodoloġija li jużaw, biex ikunu jistgħu jirriflettu fuq kif għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet.

Il-programm ta' azzjoni fih karatteristiċi li jiddistingwuh minn riċerki oħrajn. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-għan aħħari ta' din ir-riċerka hu li, wara sensiela ta' azzjonijiet, wieħed jinnota titjib fl-attività li fiha jkunu qegħdin jitħarrġu l-parteċipanti. Hawnhekk, b'attività nifhmu kull għamla ta' taħriġ li jorganizza l-għalliem għall-klassi, bħal ngħidu aħna, attivitajiet tal-qari, tal-kitba, tat-taħdit u s-smigħ.

Dan il-programm ta' azzjoni jitwettaq permezz ta' sensiela ripetuta ta' fażijiet: (i) ippjanar, (ii) azzjoni, (iii) osservazzjoni u (iv) riflessjoni (Carr u Kemmis, 1986). Dawn l-erba' fażijiet ma jitwettqux darba biss u jieqfu hemm, imma jibqgħu jirrepetu ruħhom tul il-proċess kollu tar-riċerka. B'dan il-mod, wara li l-ewwel ċiklu (l-ewwel sensiela ta' fażijiet) ikun twettaq b'suċċess għall-ewwel darba, bħala l-ewwel pass fil-proċess tar-riċerka, it-tieni pass ikun mill-ġdid sensiela oħra ta' l-istess fażijiet (it-tieni ċiklu), u r-riċerka tibqa' sejra hekk sakemm jitwettaq numru ta' sensiliet ta' fażijiet. B'dan il-mod, l-istudenti, bħala l-parteċipanti tal-proġett, ikollhom l-opportunità li jitħarrġu f'numru ta' attivitajiet komunikattivi biex, l-istess kif jistqarr Littlewood (1981), isiru konxji tal-bżonnijiet lingwistiċi tagħhom.

Il-parteċipanti kollha fil-proġett għandhom jingħataw id-dritt li jipparteċipaw b'mod ugwali f'kull fażi ta' kull sensiela ripetuta: fl-ippjanar ta' l-attivitajiet, fl-azzjonijiet li jwettqu, fl-osservazzjoni ta' l-azzjonijiet tagħhom infushom u fir-riflessjoni li jagħmlu fuq l-istess azzjonijiet li jkunu wettqu.

Fil-fehma ta' Lewin (f'Carr u Kemmis, 1986), is-sehem sħiħ li jagħtu l-parteċipanti f'kull fażi ta' l-attività għandu jgħin biex jiffaċilita u jsaħħaħ il-bidliet fl-imġiba soċjali. Fil-fatt, kien hu l-ewwel wieħed li żviluppa din l-idea ta' riċerka bbażata fuq l-azzjoni, sewwa sew lejn nofs is-snin erbgħin. Fi kliemu stess, il-proċess ta' din ir-riċerka, imsejjes fuq sensiela ta' azzjonijiet, hu meħtieġ l-aktar biex jinkiseb progress f'dik li hu jsejjaħ bħala "riċerka soċjali bażika", proċess li, fih innifsu, jista' jwassal gradwalment għall-kunċett ta' indipendenza, ugwalità u kooperazzjoni. Lewin jinterpreta n-natura ta' din ir-riċerka minn tliet aspetti differenti: (i) il-karattru parteċipatorju tagħha, (ii) il-qafas demokratiku li fih titwettaq u (iii) il-kontribuzzjonijiet li toffri lejn ix-xjenza soċjali kif ukoll lejn il-bidla soċjali.

Aktar minn hekk, ir-riżultati li jinkisbu minn dan il-programm ta' azzjoni għandhom jgħinu lill-għalliema biex jirriflettu fuq numru ta' mistoqsijiet:

- Liema ħiliet tat-taħdit għandna niżviluppaw għal skop ta' tagħlim u evalwazzjoni?
- Liema huma dawk l-attivitajiet tat-taħdit li jistimulaw dawn il-ħiliet meħtieġa?
- Kif għandu jkun żviluppat it-tagħlim tat-taħdit?
- B'liema metodu għandu jkun evalwat it-taħdit?
- Kif nistgħu noqorbu lejn metodu standardizzat fl-evalwazzjoni tat-taħdit?
- X'għandu jkun ir-rwol ta' l-għalliem f'dan kollu?

## Il-qafas storiku

Fl-1977 Barnes u Todd taw bidu għall-investigazzjoni tat-taħdit tat-tfal, studju li stabbilixxa l-bidu ta' investigazzjoni tat-taħdit fil-klassi u l-importanza tiegħu fl-iżvilupp intellettwali ta' l-istudenti. Minn dak iż-żmien 'l hawn, bosta riċerkaturi (Edwards u Mercer, 1987; Moy u Raleigh, 1988; Bruner, 1986; Gumperz u Cook-Gumperz, 1985; Richmond, 1983; Wells, 1984, 1985, 1992; Phillips, 1985; Edwards u Westgate, 1987; Jones, 1988) saħqu li t-taħdit kollaborattiv fi gruppi żgħar kapaċi jgħin lit-tfal jiżviluppaw tifsiriet rikki, sħaħ u preċiżi, bil-wisq aktar milli kieku kellhom jiżviluppawhom b'mod individwali.

Lyle (1992, 1993), per eżempju, f'waħda mill-iskejjel primarji ta' l-Ingilterra, tinvestiga kemm tabilħaqq it-tfal, meta jingħataw l-opportunità li jaħdmu fi gruppi żgħar b'mod kooperattiv u kollaborattiv, kapaċi jużaw it-taħdit biex jgħinhom isawru t-tifsir u jkabbru l-intelliġenza tagħhom. Din ir-riċerka tissuġġerixxi l-importanza li noħolqu attivitajiet li jiżguraw li t-tfal ikollhom l-opportunità li jsawru mistoqsijiet, li josservaw, li jikkontribwixxu opinjonijiet diversi li fl-aħħar mill-aħħar jawtorizzawhom iħarsu lejhom infushom bħala individwi responsabbli.

Lyle analizzat numru ta' traskrizzjonijiet tat-taħdit tat-tfal fi gruppi żgħar, fl-età ta' għaxar snin, biex tiskopri kif huma jinqdew bil-lingwa biex isawru l-fehmiet tagħhom. Minn dawn it-traskrizzjonjiet ħareġ ċar kemm it-tfal kienu attivi fuq xogħolhom: jargumentaw b'mod raġonevoli, jagħmlu s-suppożizzjonijiet tagħhom, jirriflettu u jevalwaw l-ideat li joħorġu bihom huma stess. Aktar minn hekk, din ir-riċerka tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li t-tfal jagħrfu jutilizzaw is-sens komun tagħhom ta'

l-għarfien miksub li hemm ġo fihom mid-dinja ta' madwarhom u jużawh bħala bażi għall-iżvilupp ta' għarfien aktar espliċitu, sistematizzat u integrat.

Ngħidu aħna, ir-Rapport ta' l-Edukazzjoni li kien ippubblikat fl-1978, maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza, fl-Ingilterra (f'Lyle, 1993), ma jagħmel l-ebda riferenza għall-iskop li jista' jkollha diskussjoni fi gruppi żgħar, lanqas ma jsemmi xi kwalità ta' taħdit sperimentali, kollaborattiv jew espressiv, kif irrikkmandat mir-riċerkaturi. Minflok, ir-Rapport iddeskriva ħafna taħdit passiv. Iżda f'Rapport ieħor, maħruġ fl-1982, mill-istess Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza ta' l-Ingilterrra (f'Lyle, 1993), hemm irrikkmandat li l-għanijiet, l-objettivi u l-metodi biex il-lingwa orali tavvanza 'l quddiem, ħtiġilhom ikuni definiti b'mod aktar ċar.

Wieħed irid jirrikonoxxi wkoll li t-taħdit mhux biss jintuża għal waqt il-lezzjonijiet tal-lingwi imma hu kundizzjoni ta' tagħlim mifrux mal-Kurrikulu kollu. Dan jinħass, ngħidu aħna, fil-mod kif l-istudenti jimmiraw li jilħqu l-iskaluni mixtieqa fix-Xjenza, il-Matematika u t-Teknolo]ija. Dan għandu wkoll l-implikazzjonijiet tiegħu fuq ir-rwol ta' l-għalliem: kif bi ħsiebu jorganizza t-taħdit fil-klassi? Safejn għandu jkun preżenti u involut f'diskussjoni fi grupp? Safejn għandu jintervjeni jew sempliċiment josserva?

M'għandniex nibqgħu biss f'pożizzjoni li nipperswadu lill-għalliema bil-benefiċċji li jġib miegħu t-taħdit fil-klassi, iżda minflok għandna nfittxu eżempji ta' kif l-għalliema jistgħu joħolqu ħafna sitwazzjonijiet varjati li permezz tagħhom ikun importanti għat-tfal li jikkomunikaw, jiddiskutu, jiftiehmu bejniethom u jitħaddtu flimkien.

Bosta riċerkaturi oħrajn ipprovdewlna għadd ta' deskrizzjonijiet dwar l-użu tat-taħdit fil-klassi. Per eżempju, mill-investigazzjoni ta' Jones (1988) dwar il-ħin li t-tfal iqattgħu jitgħallmu fil-klassi, instab li 16% biss kien iddedikat għat-taħdit edukattiv, li ftit minnu kien isir fi grupp żgħir jew f'pari.

L-investigazzjoni li għamlu Galton u Williamson (1992) f'bosta skejjel ta' l-Ingilterra tissuġġerixxi li l-iskejjel ma jipprovdux biżżejjed opportunitajiet komunikattivi għat-tfal, u dan minkejja li t-tagħlim u l-iżvilupp tal-bniedem huwa avveniment kulturali u soċjali. Pollard u Tann (1987), min-naħa l-oħra, jelaboraw aktar fuq il-kumplessitajiet tat-tagħlim għat-taħdit bi skop, iħarsu lejh bħala attività kumplessa li teħtieġ prattika lingwistika, intellettwali u soċjali. Huma jissuġġerixxu li l-għalliema għandhom bżonn jieħdu l-inkarigu għat-tmexxija tal-klassi sabiex l-opportunitajiet għad-diskussjoni jkunu msaħħa.

Studju interessanti ieħor hu dak ta' Holden (1993). Hi tgħid li, għal dawn l-aħħar erbgħin sena, l-għalliema kienu mħeġġa jħajru lit-tfal jitkellmu aktar fil-klassi. Fil-fatt, l-Assoċjazzjoni Nazzjonali ta' l-Għalliema ta' l-Ingliż ilha mill-1960 tisħaq fuq l-importanza tad-diskussjoni (Barnes et al., 1969; Ede u Wilkinson, 1980). Din kienet approvata mill-*Bullock Report,* fl-1975, u mill-Ispettorat tal-Maestà Tagħha, fl-1978 u l-1985. Id-dibattitu dwar il-komunikazzjoni orali tefa' l-attenzjoni tiegħu, b'mod speċjali, fuq ir-rwol ta' l-għalliem, il-benefiċċji tad-diskussjoni fil-klassi vis-à-vis ix-xogħol fi gruppi, u n-natura kumplessa tat-tagħlim permezz tad-diskussjoni.

Aktar minn hekk, Edward u Mercer (1987) investigaw klassijiet li kienu jagħtu l-impressjoni li jaddottaw pedagoġija progressiva, imsejsa fuq il-ħtiġijiet ta' l-istudent (child-centred), kif imħeġġa fir-Rapport *Plowden* (f'Edwards u Mercer, 1987). Madankollu, meta dawn l-awturi eżaminaw il-fatti, kienu sorpriżi għall-aħħar. Dan għax għalkemm l-għalliema tabilħaqq emmnu fit-teoriji ta' tagħlim kif imfissra f'dan

ir-Rapport, sabuha diffiċli ħafna biex jimplimentaw ideoloġija ta' tagħlim li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-istudent, fi ħdan sistema edukattiva li tobbliga lill-għalliema jittrażmettu l-kultura tas-soċjetà tagħna. L-istudenti jridu jidhru li qed jitgħallmu l-affarijiet it-tajba, imma fl-istess ħin iridu jiskopruhom għalihom infushom. F'dan it-tip ta' klassijiet, għalkemm l-għalliema għamlu ħilithom biex jidhru progressivi, il-pedagoġija tagħhom kienet tirrifletti l-filosofija tradizzjonali, bl-għalliem fiċ-ċentru ta' kollox. Dwar dan jitkellem ukoll Flanders (1970) meta jgħid li żewġ terzi ta' kull lezzjoni hu kkaratterizzat mit-taħdit, iżda l-aktar li jitkellem hu l-għalliem.

Fir-riċerka li wettqu Edwards u Furlong (1978) it-taħdit ta' l-għalliem kien qiegħed jikkontrolla l-kontenut tad-diskussjoni u l-mod li bih titmexxa. F'dan l-ambjent ta' tagħlim, it-tfal kienu jitkellmu l-aktar biex iwieġbu lill-għalliem, dak li Edwards u Furlong jiddeskrivuh bħala *the right answerism* jew *guessing games syndrome.* Skond dawn l-awturi, lit-tfal qegħdin neqerdulhom l-interpretazzjoni personali tagħhom. Jidher, għalhekk, li f'dawk il-klassijiet il aħna nittimbrawhom bħala tradizzjonali, l-istudenti, b'mod passiv, joqogħdu jisimgħu lill-għalliem jitħaddet u jibqgħu silenzjużi sakemm ikunu mitluba biex jitkellmu.

Fil-fatt, f'ħafna mill-iskejjel ta' l-Ingilterra nstab li l-edukazzjoni tradizzjonali tuża metodi formali ta' tagħlim (Galton et al., 1980), bl-għalliem iwassal l-informazzjoni li "jaf" lit-tfal li "ma jafux". B'dan il-mod, xogħol l-istudenti hu li jwieġbu biss għal dak li jgħid l-għalliem. Ftit li xejn jieħdu l-inizjattiva biex iwieġbu minn rajhom. Fl-istess ħin, l-organizzazzjoni tal-klassi bdiet tinbidel minn kif konna nafuha tradizzjonalment, bit-tfal bil-qiegħda f'ringieli. Bil-mod il-mod, l-istudenti bdew jaħdmu wkoll fi gruppi żgħar. Iżda l-awturi huma tal-fehma li dan kien biss bħala turija ta' organizzazzjoni aktar milli biex jinkoraġġixxu tagħlim ibbażat fuq tiftix (enquiry-based learning), jew biex jiżviluppaw metodi kollaborattivi ta' xogħol fi gruppi. Skond l-awturi, il-kwalità ta' mistoqsijiet li jġiegħu lill-istudenti jħaddmu l-immaġinazzjoni tagħhom jew jipprovdu tagħrif meħtieġ kienu għadhom indirizzati lill-istudenti kollha f'daqqa, bħala klassi sħiħa.

Bit-twaqqif tal-Proġett Nazzjonali ta' l-Orali, mill-1987 sa l-1991, ir-riċerka fil-qasam tat-taħdit ħadet spinta oħra 'l quddiem. Peter Latham (1992), bħala spettur ta' l-iskejjel fuq dan il-Proġett, jistqarr li x-xogħol tal-Proġett Nazzjonali ta' l-Orali serva bħala kontrapiż siewi għall-mudell *top down* ta' l-ippjanar tal-Kurrikulu, kif rappreżentat mill-Kurrikulu Nazzjonali. Il-Proġett Nazzjonali ta' l-Orali kien jinkludi 35 Awtorità Edukattiva mill-Ingilterra u Wales, u kull waħda nnominat għalliem jew tnejn biex jikkoordinaw il-Proġett ta' l-Awtorità Edukattiva tal-Lokal tagħhom.

L-għalliema involuti f'dan il-Proġett bdew jinvestigaw aspetti ta' l-orali fil-klassijiet tagħhom u x-xogħol tagħhom ipprovdielna bosta deskrizzjonijiet dwar it-tagħlim tat-taħdit fil-klassi (ara, per eżempju, Norman, 1992). Qabel, id-deskrizzjonijiet tat-taħdit fil-klassi kienu jinġabru minn riċerkaturi li kellhom diffikultajiet kbar kemm biex jidħlu fil-klassijiet u kemm biex jirrikordjaw it-taħdit (Edwards u Westgate, 1987).

Norman (1992) tgħid li x-xogħol imwettaq mill-Proġett Nazzjonali ta' l-Orali kien influwenzat ħafna mill-ideat ta' Vygotsky (1962). It-teoriji ta' Vygotsky dwar l-iżvilupp intellettwali jenfasizzaw l-importanza tat-taħdit, waqt li jisħqu fuq il-ħtieġa ta' azzjoni fit-tagħlim. Is-sejba importanti tiegħu tinstab fl-idea li t-taħdit kapaċi jġiegħel żewġ persuni jew aktar jaqsmu l-esperjenzi ta' xulxin u jakkwistaw livelli ġodda ta' fehim, bil-wisq ogħla milli seta' kellhom qabel.

Ħafna kienu dawk li taw l-għajnuna tagħhom biex dan il-Proġett seta' jitwaqqaf u jiżviluppa. Iżda l-akbar mertu hu ta' Andrew Wilkinson li, flimkien ma' kollegi oħra mill-Università ta' Birmingham, stabbilixxa għall-ewwel darba t-terminu *oracy,* sewwa sew f'nofs is-snin sittin. Kien hu l-ewwel wieħed li rrikonoxxa r-rwol tat-taħdit u s-smigħ fil-proċess tat-tagħlim u għal għoxrin sena sħaħ saħaq bis-sħiħ fuq l-importanza tiegħu. Bil-ħidma sfiqa ta' Wilkinson u l-kollegi tiegħu, it-terminu *oracy* beda jintuża biex jirrappreżenta kemm l-iżvilupp ta' l-abbiltajiet tat-tfal fil-lingwa mitkellma kif ukoll it-titjib fl-użu tat-taħdit fil-klassi.

## Il-kunċett ta' kompetenza komunikattiva

Biex nifhmu aħjar il-kunċett ta' kompetenza komunikattiva, bil-mod kif jiddeskrivih il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 1999: 67), ikun jeħtieġ li nirriflettu talanqas fuq ftit mill-ħafna teoriji li jitkellmu dwar dan is-suġġett.

It-termini *competence* u *performance,* bħala termini tekniċi fil-lingwistika moderna, intużaw għall-ewwel darba minn Noam Chomsky fl-1965. Id-distinzjoni fundamentali li jagħmel Chomsky (1965) hi bejn l-għarfien tar-regoli tal-lingwa – il-kompetenza ('competence') u l-użu attwali tal-lingwa waqt it-taħdit – it-tlissin ('performance').

It-teorija lingwistika ta' Chomsky, aktar milli tisħaq fuq it-tlissin, tenfasizza l-kompetenza tal-kelliem-semmiegħ ideali, jew aħjar l-għarfien tiegħu dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-grammatika. Iżda mhux kulħadd jaqbel li teżisti kompetenza uniformi għall-kelliema nattivi kollha, kif kien isostni Chomsky. Minflok, wieħed għandu jibda jitkellem fuq livelli differenti ta' grammatikalità fil-każ ta' kompetenza jew fuq aċċettabilità fil-każ ta' tlissin.

Studji oħra li saru wara Chomsky wasslu biex ingħatat dimensjoni usa' lill-kompetenza. Ngħidu aħna, lejn l-aħħar tas-snin sittin, ir-riżultati ta' investigazzjoni empirika, fosthom dawk ta' Ross u Lakoff (f'Coulthard, 1985) ġiegħlu lil ħafna lingwisti jibdew jirrikonoxxu l-importanza tal-kuntest soċjali tat-taħdit, u għalhekk bdew joħolqu dixxiplini li jorbtu mill-qrib ma' l-istudju tas-sitwazzjoni partikolari tat-taħdit.

Studjużi bħal Hymes (1971), Campbell u Wales (1970) ma jaqblux mat-teżi ta' Chomsky li tillimita l-kompetenza għall-grammatika. Hymes jargumenta li l-kelliema għandhom għarfien sistematiku ta' kif jużaw il-grammatika tagħhom biex jipproduċu komunikazzjonijiet addattati għal sitwazzjoni partikolari tat-taħdit, jiġifieri l-għarfien tar-regoli prammatiċi.

Aktar minn hekk, Hymes isostni li l-parteċipanti huma sensittivi wkoll għall-istat soċjali tal-kelliem u s-semmiegħ, u jipproduċu espressjonijiet li joqogħdu tajjeb ħafna għall-kwalità ta' mġiba u informazzjoni mitluba minnhom fis-sitwazzjoni partikolari li jkunu fiha. Kien għalhekk li Hymes saħaq fuq il-ħtieġa ta' definizzjoni usa' tal-kompetenza li tkun tinkludi wkoll dawn il-fatti dwar l-għarfien tal-kelliem.

B'din il-viżjoni teoretika quddiemu, Hymes (1972) bidel it-terminu kompetenza għal kompetenza komunikattiva proprju biex jiddefinixxi f'sens aktar wiesa' dak li l-kompetenza waħedha ma rnexxilhiex tagħmel. Hymes (1971) jissuġġerixxi li l-kompetenza komunikattiva m'għandhiex tistrieħ biss fuq il-grammatikalità u fuq l-aċċettabilità, iżda, aktar minn hekk, għandha tiddistingwi u tinvestiga tliet aspetti ta' kompetenza:

1. Dak li hu possibbli sistematikament, jiġifieri l-kostruzzjonijiet li huma possibbli fil-grammatika deskrittiva tal-lingwa. Dan hu proprju dak li ried ifisser Chomsky (1965) fid-deskrizzjoni oriġinali tiegħu tal-kompetenza;
2. Dak li jista' jkun attwat, li f'dan il-każ l-interess lingwistiku predominanti jistrieħ fuq l-aspetti psikolingwistiċi, bħalma huma l-limitazzjonijiet tal-memorja u l-fakultajiet perċettivi; kif ukoll
3. L-użu addattat tal-lingwa, li hawnhekk għandu x'jaqsam ma' l-għarfien tal-kelliem dwar l-użu xieraq tal-lingwa skond il-kuntest tas-sitwazzjoni partikolari tat-taħdit, bħalma hu l-istil.

Fi kliem Hymes (1971: 17) innifsu: "L-għan ta' qafas teoretiku wiesa' ta' kompetenza għandu jwassal biex dawn it-tliet aspetti jintrabtu lkoll flimkien biex jipproduċu u jinterpretaw l-imġiba kulturali li tkun qed isseħħ."

Dawn it-tliet aspetti ta' kompetenza li jitkellem dwarhom Hymes joqorbu ħafna lejn l-aspetti li jidentifika Munby (1978), jiġifieri: l-aspett grammatikali, l-aspett psikolingwistiku, l-aspett soċjo-kulturali u l-aspett fattwali (de facto).

Halliday (1970) ma jiddistingwix bejn kompetenza u tlissin. Skond Halliday, il-funzjonijiet tal-lingwa jinqasmu fi tnejn: il-macro (il-funzjonijiet komprensivi tal-lingwa) u l-micro (il-funzjonijiet bażiċi tal-lingwa). Widdowson (1978), min-naħa l-oħra, joftoq il-kunċett ta' tlissin f'żewġ aspetti: *usage* u *use.* Ta' l-ewwel jinterpretah bħala l-manifestazzjoni ta' l-għarfien tas-sistema tal-lingwa, waqt li tat-tieni jidentifikah bħala r-realizzazzjoni tas-sistema tal-lingwa li tissarraf fi mġiba komunikattiva li tagħmel sens. Iżda għal Savignon (1972), il-kelliema jiżviluppaw il-kompetenza komunikattiva bl-użu ta' l-espressjoni, l-interpretazzjoni u n-negozjar tat-tifsira, f'waqt ta' interazzjoni bejn żewġ persuni jew aktar jew inkella bejn persuna u test miktub jew mitkellem.

Foster (1990), per eżempju, tisħaq li t-terminu *kompetenza,* kemm jekk għandu x'jaqsam mal-kompetenza grammatikali u kemm jekk mal-kompetenza komunikattiva, m'għandniex inwaħħduh ma' *kompetenti.* Fi kliemha, il-kompetenza m'hijiex xi terminu evalwattiv biex jiddeskrivi l-livell tal-ħila tal-kelliem, anzi, aktar ninqdew bih biex nirreferu għall-għarfien li għandhom il-kelliema ta' kif isawru u jużaw il-lingwa milli għall-ħila attwali tagħhom waqt it-taħdit.

L-istess ħaġa jagħmlu Klopf u Cambra (1991: 4) li jifirdu ż-żewġ termini - kompetenza u ħila, ta' l-ewwel jiddeskrivuh bħala: "Kwalità konjittiva li ġejja mill-għarfien u l-fehim tal-proċess komunikattiv", u tat-tieni bħala: "Kwalità li għandha x'taqsam mal-moviment ikkawżat mill-attività mentali (psychomotor) li sseħħ meta wieħed jagħraf itejjeb l-imġibiet espressivi permezz ta' taħriġ iggwidat."

Madankollu, jeħtieġ nirrikonoxxu l-fatt li hemm riċerkaturi oħrajn li jinterpretaw il-kompetenza f'modi diversi. Ngħidu aħna l-istudju li għamlu Canale u Swain fl-1980 (f'Canale, 1983) jiddistingwi bejn il-kompetenza komunikattiva (communicative competence) u t-tlissin komunikattiv (communicative performance). Iżda tliet snin wara Canale (1983) introduċa l-kunċett ta' komunikazzjoni attwali biex jieħu post it-tlissin komunikattiv, bil-għan li l-kunċett il-ġdid ikun jista' jinftiehem aħjar.

B'kompetenza komunikattiva Canale u Swain jirreferu għal dak l-għarfien jew l-oqsma ta' l-għerf kif ukoll il-ħila meħtieġa fl-użu tagħhom waqt il-komunikazzjoni attwali. Fi kliemhom stess (f'Canale, 1983: 5): "Il-kompetenza komunikattiva tinftiehem bħala l-bażi tal-għarfien (knowledge) u l-ħila (skill) li huma meħtieġa

għall-komunikazzjoni (i.e. għarfien tal-vokabolarju u ħila fl-użu tal-konvenzjonijiet soċjolingwistiċi tal-lingwa li tkun qed tintuża).”

Dan l-għarfien jikkostitwixxi dak kollu li l-kelliem diġà jaf, kemm jekk hu konxju tiegħu u kemm jekk m’huwiex, dwar il-lingwa u aspetti oħra ta’ l-użu tal-lingwa komunikattiva. Il-ħila, min-naħa l-oħra, tirrifletti l-kapaċità ta’ kif wieħed jagħraf jipprattika dan l-għarfien f’sitwazzjoni komunikattiva attwali.

Ngħidu aħna, il-qafas teoretiku li jipproponu Canale u Swain għall-kompetenza komunikattiva (f’Canale, 1983) jiġbor fih erba’ oqsma ta’ għarfien u ħiliet: (i) il-kompetenza grammatikali – l-użu tar-regoli tal-lingwa; (ii) il-kompetenza soċjolingwistika – l-imġiba verbali u non-verbali f’kuntesti soċjolingwistiċi differenti; (iii) il-kompetenza fid-diskors – l-unità tat-test mitħaddet permezz tal-koeżjoni u l-koerenza u (iv) il-kompetenza strateġika – it-tħaddim ta’ strateġiji komunikattivi, bħal fil-każ tal-paralingwistika biex jinħoloq l-effett rettoriku mixtieq.

Għalhekk, il-komunikazzjoni attwali li jiddeskrivi Canale (1983: 5) tiniftiehem bħala turija u manifestazzjoni tal-kompetenza komunikattiva f’sitwazzjonijiet konkreti: “Il-komunikazzjoni attwali hija r-realizzazzjoni ta’ l-għarfien u l-ħila taħt kundizzjonijiet psikoloġiċi u ambjentali li jillimitaw it-taħdit tal-kelliem, bħal ngħidu aħna, il-limitazzjonijiet tal-memorja u tal-perċezzjoni, l-għeja, in-nervożità, id-distrazzjonijiet u ħsejjes fl-isfond li jtellfu.”

Definizzjonijiet preċiżi ta’ x’nifhmu b’*għarfien* u *ħila* huma kontroversjali ħafna. Teżisti t-tendenza, per eżempju, li nittrattaw il-ħila komunikattiva bħala parti mit-teorija tal-komunikazzjoni attwali u mhux bħala parti mit-teorija tal-kompetenza (Kempson, 1977). F’kuntrast ma’ dan, Wiemann u Backlund (1980: 188) ifittxu li jintegraw flimkien din l-idea ta’ ħila komunikattiva f’teorija ta’ kompetenza: “Kuntrarjament għall-mod kif il-lingwistika tħares lejn il-kompetenza u t-tlissin, il-komunikazzjoni tikkunsidra t-tlissin bħala parti mill-kompetenza u mhux bħala kunċett separat.”

## Il-ħiliet bażiċi tat-taħdit

Hu fatt rikonoxxut li biex wieħed ikun kapaċi jitkellem irid ikollu ċertu għarfien tal-lingwa u ħila komunikattiva. Waqt it-taħdit, bħal fil-każ tal-kitba, mhux biss jeħtieġ li nkunu kapaċi ngħaqqdu flimkien sentenzi astratti iżda li nipproduċuhom u naddottawhom skond iċ-ċirkustanzi. Dan ifisser li l-kelliem, hu u jitkellem, ikollu jieħu deċiżjonijiet ta’ malajr, mingħajr telf ta’ ħin, u jimplimentahom b’mod xieraq. L-għarfien waħdu mhux biżżejjed – jeħtieġlu jissarraf f’azzjoni konkreta.

Għalhekk, ħafna drabi nitkellmu dwar żewġ tipi bażiċi ta’ ħiliet fit-tħaddim tal-lingwa mitkellma: (i) il-ħiliet ta’ azzjoni perċettiva u (ii) il-ħiliet ta’ l-interazzjoni (Bygate, 1995).

## Il-ħiliet ta’ azzjoni perċettiva

Il-ħiliet ta’ azzjoni perċettiva jinkludu dak kollu li wieħed kapaċi jipperċepixxi jew aħjar li jifhem u jħoss; li jiftakar mill-ġdid u jartikola l-ħsejjes u l-istrutturi tal-lingwa b’mod korrett. Din il-kwalità ta’ ħila ilha ħafna rikonoxxuta fit-tagħlim tal-lingwa. Mackey (1965: 266), per eżempju, aktar minn erbgħin sena ilu, iddefinixxa l-espressjoni orali billi qal li din tinkludi mhux biss l-użu tal-ħsejjes addattati skond ir-

ritmu u l-intonazzjoni xierqa, imma wkoll l-għażla tal-kliem u l-inflezzjonijiet fl-ordni korretta biex titwassal it-tifsira t-tajba.

Din l-idea ta' Mackey dwar il-ħila tat-taħdit influwenzat bil-kbir il-mod kif kellhom ikunu strutturati l-eżerċizzji għat-tagħlim tal-lingwa mitkellma. Iżda dan ma kienx biżżejjed għax għaxar snin wara Wilkins (1975) ħareġ jargumenta li eżerċizzji ta' din ix-xorta ma kinux qegħdin isolvu ċerti problemi fit-tagħlim tat-taħdit.

Fl-idea ta' Wilkins dawn l-eżerċizzji għat-taħriġ ta' l-oral, qabel xejn, kellhom jiżguraw li jkun hemm tranżizzjoni sodisfaċenti minn dak it-tagħlim ikkontrollat li jseħħ bejn l-erba' ħitan tal-klassi għall-użu tal-ħila fil-ħajja reali. Din il-qabża hi magħrufa bħala t-trasferiment tal-ħiliet. Kif jistqarr hu stess, jekk il-produzzjoni tal-lingwa fil-klassi hi ddeterminata mill-għalliem, inkunu qegħdin nipproteġu lill-istudent mid-dmir u r-responsabbiltà li jrid jieħu biex iwettaq l-għażliet ħielsa tiegħu.

Dan kollu jimplika li l-ħiliet hekk imsejħa ta' azzjoni perċettiva waħedhom m'humiex biżżejjed. Hemm ħiliet oħrajn li jistgħu jiġu żviluppati. Dwar dawn jitkellem l-aktar Wilkins. Hu jgħid li dawn il-ħiliet, magħrufa bħala l-ħiliet ta' l-interazzjoni, huma mmirati biex jikkontrollaw il-produzzjoni lingwistika waqt li fl-istess ħin jagħtu lok għal aktar għażliet ħielsa u individwali. L-għan tal-ħiliet ta' l-interazzjoni hu li jinqdew bl-għarfien tal-lingwa flimkien mal-ħiliet bażiċi ta' l-azzjoni perċettiva biex jintlaħaq l-iskop u l-idea ta' komunikazzjoni.

## Il-ħiliet ta' l-interazzjoni

Dawn il-ħiliet ta' l-interazzjoni jiffukaw fuq l-abbiltà tal-kelliem fl-użu tal-lingwa biex jissodisfa ħtiġijiet partikolari. Hawnhekk insibu li jeżistu talanqas żewġ ħtiġijiet li jistgħu jaffettwaw in-natura tat-taħdit: (i) il-kundizzjonijiet li fihom nipproċessaw it-taħdit u (ii) il-kundizzjonijiet li fihom nirreċiprokaw it-taħdit.

## Il-kundizzjonijiet li fihom nipproċessaw it-taħdit

Dawn għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet interni tat-taħdit proprju minħabba l-fatt li t-taħdit iseħħ taħt l-effett tal-ħin. Hawnhekk il-ħin hu fattur determinanti għax joħloq ħafna problemi għall-kelliem u jaffettwa bil-kbir il-produzzjoni tat-taħdit. Dan għax, kuntrarjament għal dak li jiġri fil-kitba, waqt it-taħdit il-kliem jintqal fl-istess ħin li jkun qed jiġi deċiż u mifhum. U dan il-fatt jaffettwa l-ħila tal-kelliem li jippjana u jorganizza l-messaġġ u jxekklu milli jikkontrolla b'mod sħiħ l-użu tal-lingwa.

Is-sentenzi li jipproduċi l-kelliem ma jistgħux ikunu twal jew kumplessi daqslikieku fil-kitba, għar-raġuni li l-kittieb għandu aktar ħin biex jippjana. Meta nitħaddtu ħafna drabi nwettqu żbalji sintattiċi proprju minħabba li nkuni konxji tal-grammatika li nkunu qed inħaddmu.

Ġieli jiġri wkoll li nieħdu żbalji anke fil-messaġġ u fil-kelmiet li noħolqu, ninsew dak li nkunu rridu ngħidu jew inkella l-messġġ ma jkunx organizzat b'mod ekonomiku daqslikieku miktub. Saħansitra nistgħu ninsew dak li nkunu diġà għedna u nibqgħu nirrepetu.

Kull kelma li titlissen issir xi ħaġa tal-passat. Waqt li l-qarrej jista' jerġa' jaqra xi ħaġa mill-ġdid, is-semmiegħ jista' jkollu problemi ta' memorja li jwassluh biex jinterpreta l-affarijiet b'mod differenti.

Aħna x'aktarx nikkritikaw lil dawk li jitkellmu qishom qed jaqraw minn ktieb. Parti minn dan ġej mill-fatt li l-kotba m'humiex indirizzati lil xi individwi personalizzati

jew miktuba bl-istess mod li normalment jitħaddtu n-nies, u għal din ir-raġuni l-istil tal-lingwa miktuba jinstema' stramb jekk ikun mitħaddet. Dan kollu jissuġġerixxi li l-forma li se tieħu l-lingwa mitkellma hi kompletament differenti minn dik tal-kitba għax affettwata mil-limitazzjojnijiet tal-ħin u minn problemi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-ippjanar, il-memorja u l-produzzjoni taħt xi forma jew oħra ta' pressjoni.

Iżda meta t-taħdit ikun ippreparat minn qabel, l-istess kif għandu jiġri meta xi ħadd jitħaddet fil-pubbliku, se jkun differenti ħafna minn dak it-taħdit spontanju, magħmul spirtu pront skond il-ħtiġijiet tal-mument. Meta nkunu kostretti bil-ħin, dan jaffettwa l-għażla tal-kliem li nipproduċu u l-istil li bih nitkellmu, effetti li ħaddieħor jinnotahom mill-ewwel fina. Li nkunu kapaċi nipproċessaw it-taħdit waqt li nkunu taħt l-effett tal-ħin jgħinna biex nitħaddtu b'mod mexxej u ħafif. Din il-kwalità ta' ħila m'hi xejn għajr il-ħila bażika komunikattiva. Fl-istess ħin irridu ngħidu li l-kelliem, kemm jekk ikun ippreparat biex jitħaddet u kemm jekk m'huwiex, xorta wada se jkun qed jipproduċi taħdit reali, taħt l-influwenza tal-ħin.

## Il-kundizzjonijiet li fihom nirreċiprokaw it-taħdit

Dawn il-kundizzjonjiet jirriflettu d-dimensjoni ta' l-interazzjoni interpersonali u għalhekk għandhom x'jaqsmu mar-relazzjoni bejn il-kelliem u s-semmiegħ fil-proċess tat-taħdit. It-terminu reċiproċità jagħtina l-possibbiltà li niddistingwu bejn: (i) dawk is-sitwazzjonijiet li fihom il-kelliem u s-semmiegħ ikunu jistgħu jitkellmu u (ii) dawk is-sitwazzjonijiet li fihom (konvenzjonalment) il-kelliem biss għandu d-dritt li jitkellem. Din id-dimensjoni reċiproka taffettwa t-taħdit proprju minħabba li jkun hemm aktar minn kelliem wieħed involut.

F'dan il-każ, il-kelliem jeħtieġlu jkun paċenzjuż u immaġinattiv. Aktar minn hekk, biex jiżgura li l-komunikazzjoni sseħħ kif meħtieġ, ikollu bżonn jagħti attenzjoni speċjali lis-semmiegħ u jagħmel l-arranġamenti meħtieġa fl-għażla tal-vokabolarju u l-messaġġi li jibgħat, dejjem skond ir-reazzjoni tas-semmiegħ. Bl-għajnuna ta' dawn ir-reazzjonijiet, il-kelliem jista' jimmodifika l-messaġġi tiegħu minn waqt għal ieħor u fl-istess ħin jifhem u jfiehem aħjar lis-semmiegħ. B'dan il-mod, il-kelliem ikun qed jiffaċilita x-xogħol mitlub minnu.

Din il-kwalità ta' ħila hi vantaġġjuża għax isservi bħala kumpens għall-irregolaritajiet tat-taħdit. Iżda hi wkoll obbligatorja għax tisfurzana biex nagħtu kas ta' dak li jesprimi s-semmiegħ u nagħtuh spazju biex jitkellem ukoll. Din il-kundizzjoni reċiproka bejn il-kelliem u s-semmiegħ tkabbar l-interess tat-taħdit, tagħti lok għal aktar għarfien tas-suġġett u ġġagħalna nvarjaw il-mod li bih nitkellmu, jew aħjar, il-grad ta' formalità li napplikaw.

Din il-flessibbiltà fil-komunikazzjoni titlob ħila speċjali min-naħa tal-kelliema. L-istess kif jistqarr Bygate (1995: 13): "Ir-reċiproċità hija kundizzjoni li tpoġġi ċerti sfidi quddiemna billi nuru sensittività kontinwa u abbiltà fil-mod kif invarjaw l-użu tal-lingwa. Dawn huma l-kundizzjonijiet li jgħinuna nikkaratterizzaw l-użu tal-lingwa mitkellma u jaffettwaw il-mod kif nutilizzaw il-forom tal-lingwa."

## L-assessjar tat-taħdit

Il-ħiliet tal-kelliem ma jistgħux jitkejlu b'attività orali waħda, f'okkażjoni partikolari, u kollox jieqaf hemm. Għandu jkun hemm varjetà wiesgħa ta' attivitajiet orali li jkunu kuntestwalizzati u mtennija f'okkażjonijiet diversi. B'hekk biss jista' jkollna

indikazzjoni ċara ta' "kif" u "safejn" kapaċi jasal il-kelliem. U dan bil-mod il-mod qed ikun rikonoxxut.

Il-*Cox Report* ta' l-1989, li jitkellem ħafna dwar il-lingwa Ingliża fl-etajiet ta' bejn il-ħames snin u s-sittax-il sena, kif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza ta' l-Ingilterra (f'Wilkinson u Berrill, 1990: 115) jissuġġerixxi linji ta' gwida bħala l-bażi għall-assessjar tat-taħdit u s-smigħ: "L-assessjar tat-taħdit u s-smigħ, meta jkun possibbli, għandu jkun informali, kontinwu u inċidentali, u jkun applikat waqt attivitajiet li jitwettqu għal skopijiet kurrikulari".

Dwar l-għażla tal-kriterji li għandhom jintużaw fl-assessjar kien sar ħafna xogħol mill-bordijiet ta' l-eżamijiet fl-Ingilterra għaċ-Ċertifikat Ġenerali ta' l-Edukazzjoni Sekondarja (GCSE) (ara, per eżempju, Jones 1989). Kontribut siewi kien ukoll il-ħafna xogħol li sar fil-Proġett Nazzjonali ta' l-Orali, kif ġie spjegat qabel. Ta' min isemmi wkoll ix-xogħol importanti li kien twettaq mill-APU ('Assessment of Performance Unit') ta' l-Ingilterra (Gorman et al., 1984; Brooks, 1987). Din id-darba, il-kriterji li ġew stabbiliti għall-assessjar kellhom x'jaqsmu ma' żewġ karatteristiċi tal-lingwa: (i) il-karatteristiċi lessikali u grammatikali – l-għażla tal-lessiku u s-sintassi; u (ii) il-karatteristiċi relatati mal-mod kif wieħed jitħaddet – l-eżitazzjoni, il-ħeffa fit-taħdit u r-ritmu. Kif jispjegaw l-awturi stess, dawn il-kriterju huma addatttati l-aktar biex jassessjaw it-taħdit fil-tul ('long-speaking turns').

L-istudju li kien sar minn Brown et al. (1984), biex nieħdu eżempju ieħor, kien relatat biss ma' dawk l-attivitajiet orali li kienu maħsuba biex tinkiseb l-informazzjoni, b'enfasi fuq kemm il-kelliema kapaċi jipproduċu espressjonijiet twal ta' taħdit. U għalhekk, il-kriterji li ntużaw fl-evalwazzjoni kienu speċifiċi, limitati biss għal dan it-tip ta' attivitajiet.

Iżda minkejja l-ħafna xogħol li twettaq matul is-snin, damet ħafna ma nstabet bażi filosofika sodisfaċenti għall-assessjar tat-taħdit, fis-sens li sa l-1990 kien għadu ma ħareġ l-ebda mudell komprensiv li jista' jintuża f'kull attività orali. Kien proprju għalhekk li Wilkinson u Berrill (1990) ippruvaw joħorġu b'mudelll utli li jiġbor fih dawk il-kriterji ġenerali meħtieġa li jistgħu jintużaw f'kull sitwazzjoni u f'kull attività orali.

Dan il-mudell huwa utli wkoll għax jikklassifika l-kriterji ta' l-assessjar fi tliet kategoriji lingwistiċi: (i) l-aspett ideazzjonali (il-kontenut); (ii) l-aspett interpersonali (il-mod kif jingħad it-taħdit) u (iii) l-aspett testwali (il-forma magħżula). Dawn it-tliet oqsma tal-lingwa jirriflettu l-filosofija ta' Halliday (1970).

Fil-mudell li ġej, kif ippreżentat oriġinarjament minn Wilkinson u Berrill (1990: 123), għandna numru ta' ħiliet li ġew tradotti għall-Malti, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma spjegati permezz tat-tielet persuna maskil singular, fl-imperfett. Għal studju ddettaljat dwar id-deskrizzjoni u l-analiżi ta' dawn il-ħiliet fil-kuntest tal-Malti mitkellem, ara Sammut (2000, 2001).

| L-Aspett Ideazzjonali | L-Aspett Interpersonali | L-Aspett Testwali |
|---|---|---|
| Il-Konjizzjoni<br>▪ jiddeskrivi<br>▪ jinterpreta<br>▪ jiġġeneralizza<br>▪ jispekula | Ir-Rwoli<br>▪ jiddomina<br>▪ jikkoopera<br>▪ jissapportja<br>▪ jaqbel ma' fehmet ħaddieħor, kontra qalbu<br>▪ ikun passiv<br>▪ ifixkel | It-Taħdit fit-Tul<br>▪ jirrakkonta storja<br>▪ jagħti espożizzjoni<br>▪ iwassal rapport<br>▪ jagħti taħdita<br>eċċ. |
| L-Affezzjoni<br>juri li għandu:<br>▪ għarfien dwaru nnifsu<br>▪ għarfien ta' ħaddieħor<br>▪ rispett lejn l-ambjent fiżiku<br>ikun kapaċi:<br>▪ jaddotta l-imġiba tiegħu fil-konfront tal-kundizzjoni umana | Ir-Regoli<br>▪ ibbażati fuq il-kunsens<br>▪ ibbażati fuq il-poter | It-Taħdit fil-Qosor<br>▪ juża kliem fieragħ/jiċċajta<br>▪ joħloq konverżazzjoni<br>▪ jiddiskuti<br>▪ jintervista<br>▪ jipparteċipa f'laqgħa ta' kumitat<br>eċċ. |
| | Il-Preżentazzjoni<br>▪ l-espressjonijiet tal-wiċċ u l-movimenti tal-ġisem<br>▪ il-karatteristiċi paralingwistiċi<br>▪ id-dimostrazzjoni viżwali | |
| Ikkunsidra<br>il-kwalità ta':<br>▪ l-informazzjoni<br>▪ il-validità<br>▪ l-evalwazzjoni | Ikkunsidra<br>▪ l-effetti fuq is-semmiegħ/a | Ikkunsidra<br>▪ l-istil<br>▪ l-organizzazzjoni<br>▪ il-koeżjoni<br>▪ is-sintassi<br>▪ il-lessiku<br>▪ l-użu addattat tal-lingwa |

## Għeluq

It-tagħlim u l-assessjar tal-Malti mitkellem għandu jgħin biex titkattar l-importanza tal-kompetenza komunikattiva. L-istudenti jitgħallmu jikkomunikaw aħjar bil-Malti proprju minħabba li jaqdi l-ħtiġijiet tagħhom fil-ħajja ta' kuljum. Għal dan il-għan, nissuġġerixxi li t-tagħlim tal-Malti mitkellem jibda jsir permezz ta' attivitajiet orali li jkunu maħsuba biex l-istudenti jissodisfaw l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

- Li jkunu kapaċi jirreċiprokaw it-taħdit ('short-speaking turns');
- Li jkunu kapaċi jitħaddtu fit-tul ('long-speaking turns');
- Li jitħaddtu b'mod spontanju ('impromptu speaking');
- Li jibbażaw it-taħdit tagħhom fuq riċerka li jkunu għamlu minn qabel ('extemporaneous speaking').

Iżda l-akbar importanza għandha tingħata lit-taħdit kollaborattiv fi gruppi żgħar, bl-iskop li l-istudenti jiżviluppaw bejniethom l-intelliġenza tagħhom. Dan għandu jkun il-metodu pedagoġiku ewlieni fl-iżvilupp intellettwali ta' kull student.

## Bibljografija


Barnes, D., Britton, J. u Rosen, H. (1969) *Language, the Learner and the School.* Harmondsworth: Penguin Books.

Barnes, D. u Todd, F. (1977) *Communication and Learning in Small Groups.* London: Routledge and Kegan Paul.

Brooks, G. (1987) *Speaking and Listening Assessment at Age 15.* Windsor: NFER-Nelson.

Brown, G., Anderson, A., Shillcock, R. u Yule, G. (1984) *Teaching Talk: Strategies for Production and Assessment.* Cambridge: Cambridge University Press.

Bruner, J. (1986) *Actual Minds, Possible Worlds.* Cambridge Mass: Harvard University Press.

Bygate, M. (1995) *Speaking.* Oxford: Oxford University Press.

Campbell, R. u Wales, R. (1970) "The study of language acquisition". F'J. Lyons (ed.) *New Horizons in Linguistics.* Harmondsworth: Penguin.

Canale, M. (1983) "From communicative competence to communicative language pedagogy". F'J. C. Richards u R. W. Schmidt (edi) *Language and Communication.* New York: Longman Inc.

Carr, W. u Kemmis, S. (1986) *Becoming Critical: Education, Knowledge and Action Research.* Sussex: The Falmer Press.

Chomsky, N. (1965) *Aspects of the Theory of Syntax.* Cambridge, Massachusetts: MIT Press.

Coulthard, M. (1985) (2ni ed.) *An Introduction to Discourse Analysis.* London: Longman.

Ede, J. u Wilkinson, J. (1980) *Talking, Linstening and Learning.* London: Longman.

Edwards, A. D. u Furlong, V. J. (1978) *The Language of Teaching.* London: Heinemann.

Edwards, D. u Mercer, N. (1987) Common Knowledge: The Development of Understanding in the Classroom. London: Routledge.

Edwards, D. u Westgate, D. (1987) *Investigating Classroom Talk.* Lewes, Sussex: The Falmer Press.

Flanders, N. (1970) *Analysing Teacher Behaviour.* London: Addison Wesley.

Galton, M., Simon, B. u Croll, P. (1980) *Inside The Primary Classroom.* London: Routledge and Kegan Paul.

Galton, M. u Williamson, J. (1992) *Group Work in the Primary Classroom.* London: Routledge.

Gorman, T. P., White, J. u Brooks, G. (1984) *Language Performance in Schools: 1982 Secondary Survey Report.* London: Department of Education and Science.

Gumperz, J. J. u Cook-Gumperz, J. (1985) "Language and the communication of social identity". F'N. Mercer (ed.) *Language and Literacy from an Educational Perspective.* Vol. 1. Milton Keynes: Open University Press.

Halliday, M. A. K. (1970) "Language structure and language function". F'J. Lyons (ed.) *New Horizons in Linguistics.* Harmondsworth: Penguin.

Holden, C. (1993) "Giving girls a chance: Patterns of talk in co-operative group work". Gender and Education, 5/2: 179-189.

Hymes, D. (1971) "Competence and performance in linguistic theory". F'E. Huxley u D. Ingram (edi) *Language Acquisition: Models and Methods.* London: Academic Press.

Hymes, D. (1972) "On communicative competence". F'J.B. Pride u J. Holmes (edi) *Sociolinguistics.* London: Penguin.

Jones, P. (1988) *Lipservice: The Story of Talk in Schools.* Milton Keynes: Open University Press.

Jones, R. (1989) *GCSE English 3: Speaking and Listening.* London: John Murray Publications.

Kempson, R. M. (1977) *Semantic Theory.* Cambridge: Cambridge University Press.

Klopf, D. W. u Cambra, R. E. (1991) (2ni ed.) *Speaking Skills for Prospective Teachers.* Englewood Colorado: Morton Publishing Company.

Littlewood, W. (1981) *Communicative Language Teaching.* Cambridge: Cambridge University Press.

Lyle, S. (1992) (3et ed.) *A Rainforest Child.* Camarthan, Wales: Greenlight Publications.

Lyle, S. (1993) "An investigation into ways in which children *talk themselves into meaning*". Language and Education, 7/3: 181-197.

Mackey, W. F. (1965) *Language Teaching Analysis.* London: Longman.

Ministeru ta' l-Edukazzjoni (1999) *Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien: Kurrikulu Minimu Nazzjonali.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Moy, B. u Raleigh, M. (1988) "Comprehension: Bringing it back alive". F'N. Mercer (ed.) *Language and Literacy from an Educational Perspective.* Vol. 2. Milton Keynes: Open University Press.

Munby, J. (1987) *Communicative Syllabus Design.* Cambridge: Cambridge University Press.

Norman, K. (ed.) (1992) *Thinking Voices: The Work of the National Oracy Project.* London: Hodder & Stoughton.

Phillips, T. (1985) "Beyond lip-service". F'G. Wells u J. Nicholls (edi) *Language and Learning: An Interactional Perspective.* Milton Keynes: Open University Press.

Pollard, A. u Tann, S. (1987) *Reflective Teaching in the Primary School.* London: Cassell.

Richmond, J. (1983) *English in Schools: What Teachers Really Try to Do.* London: London Institute of Education.

Sammut, A. (2000) *L-Evalwazzjoni tal-Malti Mitkellem fil-Ħames Klassi tas-Sekondarja.* Teżi mhux ippubblikata ta' l-MA. Malta: L-Università ta' Malta.

Sammut, A. (2001) "It-Taħdit". F'A. Camilleri Grima (ed.) *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja.* Malta: L-Istitut tal-Lingwistika u l-Għaqda ta' l-Għalliema tal-Malti.

Savignon, S.J. (1972) *Communicative Competence: an Experiment in Foreign Language Teaching.* Philadelphia: Centre for Curriculum Development.

Vygotsky, L. (1962) *Thought and Language.* USA: MIT Press.

Wells, G. (1984) "Talking with children: The complementary rules of parents and teachers". F'J. Britton (ed.) *English Teaching: An International Exchange.* London: Heinemann.

Wells, G. (1985) “Language and learning: An interactional perspective”. F’G. Wells u J. Nicholls (edi) *Language and Learning: An Interactional Perspective.* Milton Keynes: Open University Press.

Wells, G. (1992) “The centrality of talk in education”. F’K. Norman (ed.) *Thinking Voices: The Work of the National Oracy Project.* London: Hodder & Stoughton.

Widdowson, H.G. (1978) *Teaching Language as Communication.* Oxford: Oxford University Press.

Wiemann, J. M. u Backlund, P. (1980) “Current theory and research in communicative competence”. Review of Educational Research, 50/1: 185-199.

Wilkins, D. A. (1975) *Second Language Learning and Teaching.* London: Edward Arnold.

Wilkinson, A. u Berrill, D. (1990) “Truth to tell: Criteria for judgement”. F’A. Wilkinson, A. Davies u D. Berrill. Spoken English Illuminated. Milton Keynes: Open University Press.